Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużati | Is- Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett tal-Bandli u Triq Sebastiano Saliba
5. Attivita kulturali f' Awwissu
6. Proġett Europe for Citizens
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li hija kienet semmiet fuq il-punt tal-għannej li ma kienx imsemmi fil-minuti. Is-Sindku qal li dan kien sar mill-familjari tiegħu privatament u għalhekk huma kellhom jaraw x' hemm bżonn li jsir. Il-Kunsillier Caruana qal li t-tifel ta ħuh kien jagħmel lettering u għalhekk il-familjari jistgħu jikkordinaw miegħu biex dan jerġa jsir mill-ġdid.

1.2 Il-Kunsillier Caruana qal li punt 3.2 tal-minuti kien qed jirreferi għar rampa ta' maġenb il-Kunsill Lokali li kienet perikoluża u kien hemm bżonn li jsiru drop kerbs.

1.3 Il-Kunsillier Camilleri qal li f' punt 3.5 hawn kellu jiddaħħal xarabanks flok trakkijiet.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju qara email li kien hemm in-nomini miftuħa biex persuna tiġi nominata għall Premju Ħaddiem tas-Sena.

3.2 Il-Viċi Sindku qalet li ta' sikwit qed ikun hemm il-librerija magħluqa. Is-Sindku qal sabiex inkellmu lis-Sinjura Dalli fuq din il-problema. Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm il-bżonn li din titkabbar milli hi bħalissa. Hija qalet li biex din titkabbar trid tiġi imniffda mal-kamra ta' maġenbha. Is-Sindku qal li huwa se jkollu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Edukazzjoni fuqha din.

3.3 Is-Sindku semma li kien hemm Memo 8/2015 li kienet tistipula fuq kif għandhom isiru progressions tal-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu fl-uffiċini wara ċertu żmien li jitilgħu l-iskali rispettivi skont il-Ftehim Kollettiv u l-Liġi Sussidjarja tar-Riżorsi Umani. Is-Sindku ippropona li għalhekk għandna naraw liem hi l-iskala li suppost jitilgħu u nagħtuhom din il-progression.

3.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hux iż-żewg skrivani huma intitolati li jieħdu l-progression. Is-Sindku qal li kif hemm fil-Liġi iż-żewġ ħaddiema kelrikali jistgħu jieħduha. Is-Sindku semma li l-aħjar niktub r-rakkomandazzjoni tagħna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u nimxu fuq il-linji gwida li jagħtina.

3.5 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk konniex se nkellmu lill-organiżżatur ta' Skolasajf fuq iż-żjara li kellha ssir fil-Kunsill Lokali konniex ikkordinajna ma minn kien qed jieħu ħsiebha. Huwa qal li kien kellem lill-organiżżatur u din kienet se ssir fil-bidu t' Awwissu.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq Gudja kien hemm leakage. Is-Sindku qal li dan il-leakage diġa kien irrapurtat.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li l-ark li kien hemm madwar in-niċċa ta' Sant' Andrija kien hemm bżonn jinqala anki biex dan jitranġa, speċjalment dawk il-partijiet li hemm deħlin ġol ġebla. Il-Kunsillier Camilleri intervjena billi qal li kien hemm xi persuni li dawn qallu sabiex ma jinqalax.

3.8 Is-Sindku issuġġerrixxa biex issir laqgħa mal-Perita fuq il-post sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu aħjar fuq l-ark u tittieħed deċiżjoni minn hemm.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm gabbana fejn hemm il-fabbrika tal-Coca li qed tkun ta' periklu. Is-Sindku qal li huwa stess kien ra kif qed tkun din il-gabbana u appella biex inkellmu lill-Pulizija. Il-Kunsillier Caruana qal ukoll li hemm gabbana fejn hemm iċ-Ċimiterju ta' Valletta Road li qiegħda fis-soft area ta' maġenb iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal li din qiegħda hawn temporanjament peress li kellha ssir trinka tal-GO fil-parti fejn kien jarma qabel u għalhekk għalissa qed juża dil-parti temporanjament.

3.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq kif bqajna fuq it-traffic management li kellu jsir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li huwa kellu jkollu laqgħa ma' Transport Malta biex jerġa jressaq xi suġġerimenti fuq it-traffic management propost.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm maqgħad tal-ilma fejn hemm Triq il-Ħabaq.

3.12 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq il-Book Box meta din se titwaħħal. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa lest li joqgħod mal-ħaddiema u jara li ma ssirilix ħsara meta din tinqala.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri qal li fi Triq Wied il-Knejjes kien hemm persuna li kienet qed toħroġ iż-żibel barra. Is-Sindku semma li huwa kien daħallu dan ir-rapport mingħand residenti li joqgħod hemm u dan talbu biex iġiblu l-evidenza li din il-persuna kienet qed tarmi imma mir-ritratti li ġab ma kienx hemm provi suffiċjenti.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri semma li quddiem Cape Residences kienu qed jarmu l-iskart f' waħda mill-egħlieqi li hemm wara l-boundary wall. Is-Sindku semma li huwa kien diġa għadda dan l-ilment lill-Pulizija biex ikellmu sid il-vettura.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-mirja li kellhom isiru fi Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li dawn kienu ġew ordnati u daqt isiru. Il-Kunsillier Camilleri saqsa ukoll fuq in-No Parking sign li kellha issir quddiem il-garax ta Tiziana. Is-Sindku qal li kien se jikkordina mal-ħaddiema biex issir iż-żebgħa.

3.16 Il-Kunsillier Camilleri tkellem li kien hemm il-pal tal-bajtar ħiereġ fuq il-bankina, fit-Triq direzzjoni ta' Ħal Kirkop. Is-Segretarju qal li se jkellem lil Transport Malta biex jieħdu ħsieb jaqtgħuh.

3.17 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li kien hemm xi ħmieġ quddiem l-uffiċju tan-Nutar Mangion. Is-Sindku qal li huwa se jkellem lill-kennies u jappellalu biex ineħħieh.

3.18 Il-Kunsillier Camilleri saqsa tistax issir zebrea cross ftit l-isfel minn fejn hemm il-Lidl. Is-Sindku qallu li din it-triq hija responsabilta ta' Transport Malta u għalhekk jaqbel li ssir it-talba lilhom l-ewwel.

## 4.0 PROĠETT TAL-BANDLI U TRIQ SEBASTIANO SALIBA

4.1 Is-Sindku semma li l-proġett tal-Bandli huwa kien qed jistenna meta se jingħata d-data għall inawgurazzjoni minn naħa tal-Ministru tal-Kunsilli Lokali. Huwa semma li kulma kien fadal kien li jingħalaq il-bieb li jagħti aċċess għall Klabb tal-Boċċi u jitwaħħlu l-Bandli ġurnata qabel ma jkun inawgurat.

4.2 Is-Sindku semma li kien hemm domanda biex hawn issir il-lattrina u kien diġa kellem lill-Perit biex iħejji dak li kien hemm bżonn. Is-Segretarju semma li huwa kien lesta is-survey ta' dil-parti.

4.3 Is-Sindku semma li kien irċieva email biex jagħti l-ismijiet ta' żewġ toroq li kellhom bżonn isiru mill-ġdid. Huwa qal li għall din l-email kien ta' l-ismijiet ta' Triq il-Mitjar, Triq Ġużeppi Ellul u partijiet minn Triq Valletta u Triq il-Ġdida li kienu kollha toroq imdaqqsin. Is-Sindku semma li għall dan il-għan peress li Triq Sebastiano Saliba hija żgħira għalhekk naraw li din isir mill-Kunsill Lokali biex anki d-dawra tal-Bandli tkun kollha ġdida. Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament ma' din il-proposta.

## 5.0 ATTIVITA KULTURALI F' AWWISSU

5.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm bżonn li nsibu sponsor għall attivita. Huwa qal li kien kellem lis-Sur. Camilleri u qallu jekk nistgħux nagħmlu l-attivita għall Settembru peress li kien hemm attivitajiet oħra li kienu ippjanati li jsiru matul dak iż-żmien li konna ippjanajna qabel. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jkun hemm dil-bidla fid-data.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma li kienu ħarġu l-posters tal-car show u ma kienx hemm il-logo tal-Old Motors Club. Il-Kunsillier Camilleri qallu li kien se jkellem tal-Phoenicia Bar sabiex dan jirranġah.

5.3 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien tkellem ma wieħed tal-ġelati u kien qallu bid-data. Huwa qal li issa se jinfurmah bid-data l-ġdida.

5.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa kien kellem lil tal-Benna fejn huwa qallu li jekk ikunu se jattendu matul l-attivita irid ikun hemm ikel Malti biss. Huwa qal li minn naha tas-Segretarjat tal-Agrikultura se jipprovdu palk, gażebos u affarijiet oħra li jkun hemm bżonn waqt l-attivita u aħna kemm nieħdu ħsieb il-permessi u dawl.

## 6.0 PROĠETT EUROPE FOR CITIZENS

6.1 Is-Sindku semma li kien hemm applikazzjoni tal-Europe for Citizens fejn il-Kunsill Lokali kien avviċinat minn lokalita Taljana jekk aħniex interessati nieħdu sehem fejn qal li aħna esprimejna li ninsabu interessati u se nkunu qed nirċievu aktar dettalji l-quddiem. Dan il-proġett huwa relatatt mal-imigrazzjoni.

6.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li hija kellha meeting tal-MEUSAC dwar kif nistgħu napplikkaw għall fondi fuq proġetti tat-twinning. Hija qalet li fuq il-proġett Erasmus + nistgħu napplikkaw biex nagħmlu proġett relatatt mal-mużika.

6.3 Il-Kunsillier Camilleri qal li fuq tal-mużika irridu nsibu xi każini li huma lesti li jieħdu sehem. Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li nistgħu ntellgħu 60 parteċipant minn Malta u jkollhom 60 minn naħa ta' barra.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-pagamenti.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016 fis-7.00 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2016.

______________________ ______________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv